**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 05/2021

**Il-Ħamis 25 ta' Marzu, 2021**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Dean Hili – Sindku

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ppresjeda l-laqgħa.

### 05.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

05.1.1. Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab informa lill-Kunsill li s-Sindku Dean Hili talab li jiġi skużat. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaċċetta din l-apoloġija.

05.1.2. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

### 05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 04/K8/2021.

05.2.1 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 04/K8/2021 kif ippreżentati.

05.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 05.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/0095/21/I** Aġenda tal-laqgħa tal-proġett LIFE19 IPE u IPC Projects.

05.3.1 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/0095/21/I** fejn talab lill-membri biex jekk hemm xi suġġerimenti, dawn jitressqu sa qabel laqgħat oħra tal-Kunsill.

**46/0549/21/I** Email mingħand id-DGL dwar Small Grant Scheme - Improved quality of life of deprived communities in urban localities.

**46/1399/21/I** Email mingħand id-DGL dwar Small Grant Scheme li jinkludi sample tad-dokumentazzjoni.

05.3.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/0549/21/I u 46/1399/21/I** fejn talab lill-membri biex jekk hemm xi suġġerimenti, dawn jitressqu sa qabel laqgħat oħra tal-Kunsill.

**46/0600/21/I** Email mingħand TM dwar Permanent Traffic Management update for Vehicle Pedestrian protective measures - other furniture (Policy Applications)

05.3.3 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/0600/21/I** għall-attenzjoni tal-membri.

**46/1067/21/I** Ċirkulari mingħand l-AKL 2021-016 dwar il-proġett European City Facility (EUCF), bħala parti mill-fond Horizon 2020, EUCF, fejn ser ikun qed jagħti appoġġ finanzarju lill-Kunsilli Lokali li jkunu jixtiequ jibbenifikaw sa massimu ta' €60,000 biex isir studju kif ukoll

business plan finanzjarju ta’ kif il-Kunsill Lokali jista’ jinvesti fl-enerġija effiċjenti u sostenibbli.

05.3.4 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1067/21/I** fejn talab il-kummenti tal-membri biex jekk hemm xi suġġerimenti, dawn jitressqu sa qabel laqgħat oħra tal-Kunsill.

05.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dwar is-suġġett ser isir webinar nhar is-7 ta’ April u min huwa interessat huwa mħeġġeġ biex japplika online.

**46/1190/21/I** Email mingħand l-organizzaturi ta’ Tough Mudder jitolbu l-permess biex l-attività li kellhom skedata għall-Pembroke, tiġi posposta għal Frar 2022.

05.3.6 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1190/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

05.3.7 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.8 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1221/21/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab rigward il-vandaliżmu fi qed isir fi Ġnien 4 ta' Lulju.

05.3.9 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1221/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jitkellem mar-residenti konċernata fejn jitlobhom ikunu aktar pro-attivi filwaqt li l-Kunsill għandu jitlob aktar koperazzjoni mill-Korp tal-Pulizija u l-Pembroke Community Police.

05.3.10 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1237/21/I** Ċirkulari mingħand l-AKL 2021-017 – Dwar kollaborazzjoni bejn Kunsilli Reġjonali Kunsilli Lokali u Eko Skola.

**46/1328/21/I** Follow up taċ-ċirkulari mingħand l-AKL 2021-017 – Dwar kollaborazzjoni bejn Kunsilli Reġjonali Kunsilli Lokali u Eko Skola.

05.3.12 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1237/21/I u 46/1328/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill iħeġġeġ lill-iskejjel tal-lokal biex jipparteċipaw fil-proġett Eko Skola.

05.3.13 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

05.3.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1257/21/I** Email mingħand GreenPak COOP dwar il-ftehim bejn l-istess Greenpak COOP u l-Kunsill Lokali Pembroke għal RRR Garden.

05.3.15 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1257/21/I** fejn informa lill-Kunsill li s’issa l-Kunsill għadu qed jistenna l-updates tal-proġett mingħand GreenPak Coop.

**46/1350/21/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab fejn qed iressaq it-talba biex is-sur Clayton Sammut ikun fis-sotto kumitat tiegħu.

05.3.16 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1350/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

05.3.17 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

05.3.19 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza ukoll għas-siġar li ġew imħawwla fi Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta fil-jiem li għaddew fejn ippropona li l-Kunsill għandu jitlob laqgħa mal-individwu konċernat biex jiġu diskussa t-talbiet u l-proposti li kien għamel il-Kunsill.

05.3.20 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1359/21/I** Skema mid-DGL SPI.SCI.2.2021 dwar il-finanzjament għall-iżvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

05.3.22 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1359/21/I** fejn talab lill-membri jressqu l-proposti tagħhom u ippropona li jekk ikun għad hemm iċ-ċans, il-Kunsill għandu japplika biex jiġu upgraded il-faċilitajiet tal-logħob u materjal ieħor fil-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta u Ġnien 4 ta' Lulju.

05.3.23 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni trid tiġi sottomessa tramite il-Kunsill Reġjonali bl-iskadenza hija l-24 ta' April 2021.

05.3.24 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1362/21/I** Email mingħand il-Kunsill Reġjonali Tramuntana dwar il-provvista ta' CCTV fil-lokal.

**46/1378/21/I** Email mingħand il-Kunsill Reġjonali Tramuntana jinfurmaw lill-Kunsill li CCTV ser jitwaħħlu sa qabel l-aħħar ta' Mejju 2021 u għalhekk huwa importanti li l-Kunsill ikollhom l-infrastruttura preparata.

**46/1635/21/I** Email mingħand il-Kunsill Reġjonali Tramuntana jinforma lill-Kunsill li kull Kunsill ser ikun intitolat għal 3 CCTV u jaf ikun hemm iżjed.

05.3.26 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1362/21/I, 46/1378/21/I u 46/1635/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jikkunsidra li jekk possibbli jsiru 3 CCTV, 2 fil-Ġnien 4 ta' Lulju u oħra fil-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

05.3.27 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

05.3.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1386/21/I** Email mingħand il-LESA dwar il-finanzjament ta' proġetti fil-komunitajiet.

05.3.29 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1386/21/I** fejn talab lill-membri biex jekk hemm xi suġġerimenti, dawn jitressqu sa qabel laqgħat oħra tal-Kunsill.

**46/1398/21/I** Email mingħand il-Ministeru tal-Edukazzjoni jistieden lill-Kunsill jaħtar il-president tal-Kunsilli Skolastiċi tal-Iskola Primarja tal-lokalità għas-snin 2021-2022 skond l-Att tal-Kunsilli Lokali Art 33(l), il-Kunsilli Lokali għandhom l-opportunita'.

05.3.30 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1398/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jesplora l-possibilità li jiġi nominat persuna għal din il-pożizzjoni.

05.3.31 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.32 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1454/21/I** Email mingħand il-Pembroke / Swieqi Community Police jirrakkomandaw biex il-Kunsill jagħlaq l-aċċess tal-faċilitajiet sportivi li hemm fil-Ġnien 4 ta' Lulju.

05.3.33 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1454/21/I** fejn ippropona li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss fil-preżenza tas-Sindku Dean Hili.

05.3.34 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.35 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1464/21/I** Email mingħand il-librara tal-librerija pubblika li tinsab fi ħdan il-Kunsill, titlob il-permess biex minħabba l-Covid-19, il-librerija tingħalaq temporanjament.

05.3.36 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1464/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaċċetta din it-talba biex sal-11 ta' April 2021, il-librerija tinżamm magħluqa.

05.3.37 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

05.3.38 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1533/21/I** Ilment mingħand resident dwar il-bankina ta' Triq Ferdinand Gregh u ilment ieħor dwar il-bankina ta' Triq F.X Caruana.

05.3.39 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1533/21/I** fejn talab il-kummenti tal-membri.

05.3.40 Il-Kunsillier Charles Cesare irrakkomanda li l-Perit tal-Kunsill għandu jkun mal-kuntrattur biex il-problemi jissolvew qabel jibda x-xogħol.

05.3.41 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippropona li s-servizz tal-Perit għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

05.3.42 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.43 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1549/21/I** Email mingħand il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq fejn qiegħed jissuġġerixxi biex Triq Martin Luther King tkun prolungata kollha u tinkludi l-parti li hija mingħajr isem.

05.3.44 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1549/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova li għandha isir.

05.3.45 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.46 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1558/21/I** Email mingħand l-Association of Maltese Campers and Outdoor Activities "AMOCA" fejn talbu laqgħa mal-Kunsill rigward il-green paper li ħareġ l-Onorevoli Ministru Aaron Farrugia.

05.3.47 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1558/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaċċetta l'issir din il-laqgħa.

05.3.48 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.49 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1621/21/I** Ċirkulari mingħand l-AKL 2021-027 dwar spazji fil-lokalita' għall-installazzjoni ta' charging pillars.

05.3.50 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1621/21/I** fejn talab il-kummenti tal-membri preżenti.

05.3.51 Il-Kunsillier Raymond Lanzon ippropona li waħda għandha isir f'Misraħ il-Paċi faċċata tal-Knisja, waħda fil-parkeġġ tal-Kunsill, u waħda f'St. Patricks.

05.3.52 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda u żied li waħda għandha issir fil-Pembroke Park & Ride u oħra fil-parkeġġ ta' quddiem il-Fortizza.

05.3.53 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1661/21/I** Email mingħand kumpanija privata titlob il-permess tal-Kunsill biex tinstalla recycling bins for domestic consumed vegetable oil, biswit il-bring in sites.

05.3.54 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1661/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu riservi dwar din it-talba minħabba il-ħmieġ li jista' jiġi iġġenerat, il-periklu ta' nirien u riservi oħra simili u għalhekk il-kumpanija għandha tintalab tipprovdi kif lesta timmitiga minn dawn il-miżuri.

05.3.55 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

05.3.56 Il-Kunsill qabel unanimament.

05.3.57 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li sal-15 ta' April trid tissejjaħ laqgħa pubblika skond Artiklu 70 subartikllu 1A tal-Att 363, fejn jiġi preżentat ir-rapport amministrattiv, ir-rapport finanzjarju u l-pjan ta' ħidma tal-Kunsill.

05.3.58 Fid-dawl ta' dan il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippropona li minħabba l-azzjonijiet industrijali li qed tittieħed mis-Segretarji Eżekuttivi vis-a-vis il-ftehim kollettiv, il-Kunsill iħoss li mhux ser ikun possibbli li jilħaq lir-residenti u jiġu ppubblikata l-avviżi neċessarja u għalhekk tali laqgħa għandha issir fl-ewwel opportunita' possibbli wara li jintemmu l-azzjonijiet industrijali.

05.3.59 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

05.3.60 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

05.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għadda għall-item li kien imiss.

## 05.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

05.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 4/2021** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 04/K8/21 u 05/K8/21 **(Dok. 1)**

05.5.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-**Internal Memo 4/2021** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

05.5.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

05.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05.6 Sit Natura2000 f'Pembroke.

05.6.1 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippropona li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss fil-preżenza tas-Sindku Dean Hili.

05.6.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05.7 Assistenza mir-Reġjun Tramuntana lill-membri tar-Reġjun tul is-sena 2021.

05.7.1 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li dan id-dokument għandu jitħalla għall-laqgħa li jmiss.

## 05.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

05.8.1 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 2, 3, 4, 5, 6 u 7)**

05.8.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

05.8.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

05.8.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05.9 Mozzjonijiet.

05.9.1 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab informa li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 05.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

05.10.1 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għalaq il-laqgħa fit-8:00pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis 29 ta' April 2021 fil-5:00pm.

**Konfermati, illum 29 ta' April, 2021**

**IFFIRMAT**

Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 04/2021** **25 ta' Marzu 2021**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 04/K8/21 u 05/K8/21

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 23 | 2021 | Mica Med | Lampa W157 fuq arblu quddiem dar numru 6, St.Gregory fi Triq Don Luigi Rigord |
| 24 | 2021 | Mica Med | 8 lampi fi Triq Pietru d Armenia |
| 25 | 2021 | Mica Med | Lampa W025 li tinsab Triq Patri Indri Vella k/m Triq Giuseppe Malfeggiani |
| 26 | 2021 | Mica Med | 6 lampi fi Triq Pietru D'Armenia |
| 27 | 2021 | Infinite fusion Technologies | Jiġi ikkompilat stocktake tas-sistemi tal-informatika li għandu l-Kunsill |
| 28 | 2021 | Infinite fusion Technologies | Issir changeover kif mitlub mill-MITA |
| 29 | 2021 | B. Grima and Sons | Tabella ta' Dead End fi Triq Falaise |
| 32 | 2021 | Mica Med | Lampa Y097 fi triq Il-Kurunell Cocks |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon

**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg